# Kalafrana f'għeluq il-100 sena mill-bidu tal-Ewwel Gwerra Dinjija

minn Conrad D'Amato u Matthew Balzan - Għaqda Storja u Kultura Birżebbuġa

**Introduzzjoni**




Din is-sena jaħbat għeluq il-mitt sena mill-bidu tal-Ewwel Gwerra Dinjija li baqgħet magħrufa bħala l-Gwerra l-Kbira (1914-1918). Għalkemm f'din il-Gwerra Malta qatt ma ġiet attakkata, però xorta waħda kellha rwol importanti, kemm bħala sptar għall-fejqan tal-korruti u l-morda kif ukoll permezz ta' diversi Maltin li taw sehemhom kemm fil-Flotta Ngliża u anke fl-Armata Ngliża. Tajjeb ingħidu li diversi Maltin iġġieldu fil-kampanji famużi ta' Gallipoli u d-Dardanelli. Barra minnhekk, il-pożizzjoni strateġika ta' Malta f'nofs il-Mediterran fissret użu totali tal-gżira fil-qadi tad-dmirijiet tal-Gwerra, biżżejjed insemmu li f'dan iż-żmien, it-Tarzna kienet tħaddem 'l fuq minn 14,000 ruħ. Madankollu din il-gwerra kellha tkun ir-raġuni li wasslet sabiex s-Servizzi Ingliżi f'Malta jinvestu iktar fil-faċilitajiet militari tagħhom f'Malta, u hawn fejn tidħol il-bajja kennija ta' Kalafrana, liema bajja ġiet sfruttata mill-Forzi Ngliżi propju bħala riżultat tal-Ewwel Gwerra Dinjija.

**Il-Gwerra l-Kbira**

L-Ewwel Gwerra Dinjija rat il-bidu tagħha fit-28 ta' Lulju 1914 wara li l-Arċiduka Awstrijakk Franz Ferdinand (in-neputi tal-Imperatur Awstrijak Franz Joseph) safa assassinat minn nazzjonalisti Serbi waqt żjara li kien qed jagħmel f'Sarajevo fil-Bosnija. Il-qtil tiegħu wassal biex l-Imperu Awstrijak-Ungeriż jiddikjara gwerra kontra s-Serbja u ftit wara il-Ġermanja, u t-Turkija ngħaqdu mal-Awstrija (magħrufa bħala l-Poteri Ċentristi) waqt li l-Ingilterra, Franza u l-Imperu Russu ngħaqdu mas-Serbja (magħrufa bħala l-Alleati). Mill-1915 'l quddiem, iktar pajjiżi daħlu f'din il-gwerra u tawha xejra mondjali: L-Italja u l-Istati Uniti ssieħbu mal-Alleati waqt li l-Bulgarija ngħaqdet mal-Poteri Ċentristi fost oħrajn.

Però, il-kawżi veri ta' din il-Gwerra kienu aktar minn hekk kif ukoll iktar qodma. Sa min-nofs is-seklu 19, fl-Ewropa kien diġa beda jinħass l-inkwiet li seta' jwassal għall-gwerra, speċjalment wara l-unifikazzjoni tal-Italja u l-Ġermanja sal-1871. Poteri Ewropej oħrajn bdew jaraw lil dawn il-pajjiżi ġodda bħala theddida għall-*Istatus Quo* fl-Ewropa, speċjalment min-naħa tal-Ingilterra, Franza u r-Russja. Apparti dan kollu, l-istess seklu 19 kien seklu ta' imperjaliżmu, speċjalment rigward il-kontinent Afrikan fejn nistgħu ngħidu li dan il-kontinent inqasam biċċiet bejn il-Qawwiet Ewropej biex jieħdu minnu r-riżorsi naturali importanti fl-ekonomiji tagħhom. Għalhekk, beda jqum l-inkwiet meta l-pajjiżi ġodda Ewropej ippretendew li huma wkoll ikabbru l-Imperu tagħhom. Fil-fatt, is-seklu 19 kien seklu li matulu sar ħafna investiment kemm



*Kalafrana 1920*



*Kalafrana 1933*

f'armi kif ukoll fi trattati bejn diversi pajjiżi, u dan sabiex jiddefendu lilhom infushom f'każ ta' gwerra li kienet tinħass riesqa minn ħin għall-ieħor. Kull ma kien jonqos kien biss l-iskuża aħħarija biex tfaqqa' gwerra, okkażjoni li propju ġiet bil-qtil tal-Arċiduka Franz Ferdinand.

Din il-Gwerra kienet ukoll f'perjodu tranżitorju fit-teknoloġija militari. B'hekk kellna t-tmiem ta' diversi tattiċi tal-gwerra, fosthom li din kienet l-aħħar gwerra li ġiet miġġielda fit-trunċieri u fuq l-għelieqi tal-battalja b'eluf ta' suldati jisparaw kontra xulxin minn żewġ naħat differenti. L-iktar artijiet li fihom sar ġlied kienu Franza u l-Belġju, l-inħawi tar-Russja, il-Balkani u d-Dardanelli fost oħrajn. Min-naħa l-oħra, f'din il-gwerra ġew użati għall-ewwel darba ħafna armi ġodda fosthom it-tank tal-Gwerra li ġie introdott mill-Ingliżi fl-1915, l-ajruplan, li għalkemm kien ilu vvintat mill-1903, din kienet l-ewwel okkażjoni li beda jintuża għal skopijiet militari, kif ukoll is-sottomarin, li wassal biex il-gwerra tasal sa taħt il-baħar ukoll. Tajjeb ingħidu li l-użu ta' dawn l-invenzjonijiet kollha biddlu totalment it-tattiċi tal-gwerer li ġew wara, l-iktar tat-Tieni Gwerra Dinjija.



*Kalafrana - South Slip*

Kif semmejna iktar qabel, f'din il-gwerra Malta ma rat l-ebda rwol dirett. Il-gżira ma ġiet qatt attakkata mill-Poteri Ċentristi li kienu qed jiġġieldu kontra l-Ingilterra għalkemm huwa rrapurtat li Zeppelin Ġermaniż, l-L 59 (iz-zeppelin kien ballun li jintefaħ bl-idroġenu, l-hekk imsejjaħ *airship*) kien fi triqtu biex jattakka lil Malta meta sploda u spiċċa biċċiet. Iżda, Malta xorta tat sehem qawwi f'din il-gwerra b'mod indirett. Bħala gżira-fortizza, Malta kellha l-faċilitajiet kollha li setgħu jintużaw mill-Alleati fl-isforzi tagħhom. It-tarzna rat eluf ta' nies jiġu mħaddma biex jissewwew vapuri tal-gwerra filwaqt li l-isptarijiet ta' Bighi u tal-Imtarfa ġew użati għall-fejqan tal-midruba. Fil-fatt, kienu nfetħu ħafna sptarijiet temporanji biex ilaħħqu mad-domanda, fosthom f'Tigne, il-Ħamrun, fil-*barracks* ta' Sant' Andrija, fil-Furjana, fil-Berġa tal-Bavarja u ħafna oħrajn. Għal dan l-irwol importanti, Malta kienet saħansitra ġiet imlaqqma 'l-Infermiera tal-Mediterran'. Rwol ieħor li qdiet Malta f'dan il-perjodu kien dak bħala post fejn tqiegħdu diversi priġunieri tal-gwerra u post li ġie użat għal dan il-għan kienet il-Fortizza ta' Verdala f'Bormla, fejn illum hemm il-Kulleġġ Santa Margerita. Priġunier tal-gwerra famuż li nżamm f'Malta matul din il-gwerra kien Karl Donitz, li aktar tard kien imlaħħaq bħala l-Ammiral tal-Flotta Ġermaniża fit-Tieni Gwerra Dinjija u ħa post Adolf Hitler bħala l-mexxej tal-Ġermanja fl-aħħar jiem ta' l-istess gwerra fl-1945. Nistgħu nżidu wkoll illi matul l-Ewwel Gwerra Dinjija, Malta u l-poplu tagħha gawdew minn tkabbir fl-ekonomija peress li gżiritna kienet tiddependi għal kollox fuq il-gwerer tal-Imperu Ngliż għall-għajxien tagħha. Fil-fatt, meta spiċċat il-gwerra, dan kollu ġie fix-xejn u f'Malta kien irreġistrat qgħad u faqar kbir.



L-Ewwel Gwerra Dinjija kienet gwerra mdemmija u ssarrfet fil-mewt ta' madwar 10,000,000 suldat miż-żewġ naħat kif ukoll f'ġuħ kbir madwar l-Ewropa kollha, effett li nħass f'Malta wkoll minħabba l-iskarsezza ta' diversi affarijiet essenzjali. Għal perjodu twil, din il-gwerra baqgħet f'bilanċ bejn iż-żewġ naħat u kien biss fil-11 ta' Novembru 1918 li l-Alleati ddikjaraw ir-rebħa u ġie ffirmat l-Armistizju li wassal għat-tmiem ta' din il-gwerra li suppost kellha tkun 'il-Gwerra li ttemm kull gwerra oħra'.



**Kalafrana fl-Ewwel Gwerra Dinjija**

Mas-sebħ tas-seklu għoxrin, l-Ammiraljat Ingliż intebaħ bl-importanza strateġika li kellhom l-inħawi ta' Birżebbuġa għal skopijiet militari. Mal-bidu tal-Ewwel Gwerra Dinjija u r-rwol li Malta kellha fiha bħala bażi Ngliża, il-bżonn li l-Bajja ta' Kalafrana tiġi użata għal skopijiet ta' gwerra kiber u għalhekk il-Gvern Ingliż iddeċieda li jibni *Torpedo Depot* għall-bażi navali tiegħu propju f'Kalafrana peress li l-pożizzjoni ġeografika ta' Malta kienet ideali biex dan il-munizzjon jiġi maħżun u mqassam lis-sottomarini Ngliżi. Din il-faċilità kienet bżonnjuża wkoll peress li l-inħawi tal-Port il-Kbir kienu miżgħuda b'imħażen u faċilitajiet oħra u għalhekk kien hemm nuqqas kbir ta' spazju. Dan kollu ġara wara li nhar il-25 ta' April tal-1915, sottomarin Ġermaniż kien għarraq żewġ *battleships* tar-*Royal Navy*; l-*HMS Triumph* u l-*HMS Majestic*, 'l barra mid-Dardanelli.



Iktar tard il-Ġermaniżi kellhom xejn inqas minn 13-il sottomarin stazzjonati fil-Mediterran, u għalhekk kien evidenti li l-awtoritajiet Navali Ingliżi kellhom jaħsbu għal xi forma ta' sorveljanza mill-ajru biex jiddefendu aħjar l-interessi tagħhom f'Malta u jħarsu aħjar il-Flotta tagħhom fl-inħawi. Wara diversi stħarriġ u suġġerimenti, l-Ammiraljat ta' Londra ddeċieda li l-aħjar mod biex jilqgħu għat-theddida Ġermaniża kien li tintuża arma ġdida: l-ajruplan. Minnufih inħarġu l-permessi meħtieġa sabiex ir-*Royal Naval Air Service* tibni bażi għall-ajruplani tal-baħar (*is-seaplanes*), propju f'Kalafrana fejn kien għadu kemm inbena t-*Torpedo Depot* għall-ħażna tat-*torpedoes*. Kien f'dan iż-żmien li ħafna mill-fortifikazzjonijiet ta' żmien l-Ordni li kienu jeżistu f'Kalafrana ġew meqruda sabiex jagħmlu l-wisa' għall-*hangers* kbar li kienu nbnew għall-ajruplani. L-ewwel *hanger* kien tlesta fl-1916 u iktar tard inbnew oħrajn fosthom l-ikbar wieħed li kien jinsab eżatt f'nofs il-bajja ta' Kalafrana. Barra minnhekk, partijiet mix-xtajta bil-blat tant sabiħ kienet spiċċat meqruda sabiex inbnew mollijiet tal-konkos u *slipways* kbar għal dawn l-ajruplani. Din il-bażi navali bdiet tintrama bl-ewwel sett ta' ħames ajruplani tat-tip *Curtiss America*, li bdew iwettqu xogħol ferm utli fejn bdew jirrapurtaw kull tip ta' qoxra navali tal-għadu kif ukoll is-sottomarini u l-mini tant perikolużi li ħallew ħafna vittmi. Dawn l-ajruplani minn żmien għall-ieħor kienu jinbidlu ma' oħrajn iktar moderni, sabiex din il-missjoni mill-ajru tiġi mwetqa b'iktar effiċjenza.

Minn Kalafrana dawn l-ajruplani kienu jmorru lejn id-direzzjoni tal-Bajja ta' San Ġorġ, minn fejn minn hemm kienu jieħdu rankatura fid-direzzjoni tal-bokka wiesgħa tal-port, sakemm jinqatgħu mill-ilma lejn is-sema miftuħ. Kien inbena wkoll moll tal-injam sabiex jintuża għat-tlugħ u l-inżul tan-nies fuq l-ajruplani, li darba kien tkisser bil-maltemp u l-fallakki tiegħu spiċċaw kollha max-xtajta ta' Wied il-Buni. Għalkemm il-bajja kienet kennija, però meta r-riħ kien ikun mix-xlokk, kien jagħmilha ferm diffiċli sabiex dawn l-ajruplani jagħmlu t-tlugħ jew l-inżul tagħhom, u għalhekk f'ċerti okkażjonijiet kienet tintuża l-bajja tal-Mistra. Irridu ngħidu ukoll li b'riżultat ta' dan l-iżvilupp, f'Kalafrana u l-inħawi tal-madwar, inkluż Birżebbuġa, kien hemm attività ekonomika kbira fejn mhux biss inħolqu diversi postijiet tax-xogħol għall-Maltin, imma anke xogħol ieħor bħal ma huma l-ħwienet tax-xorb, l-imħażen privati tal-ħasil tal-ħwejjeġ, xufiera u bosta oħrajn.



*Kalafrana 202 squadron*

Wara t-tmiem tal-Ewwel Gwerra Dinjija, l-attività tas-sottomarini minn Forzi oħrajn fil-Mediterran żdiedet ferm, u għalhekk kien inħass il-bżonn li s-sorveljanza mill-ajru tissaħħaħ. B'riżultat ta' dan, ġie deċiż li jinbena mitjar żgħir għall-ajruplani tal-art bħala estensjoni tal-bażi Navali f'Kalafrana. Il-post magħżul kien madwar kilometru 'l bogħod, fuq pjanura fir-raħal medjevali ta' Ħal Far, fejn kien inbena mitjar li ġie nawgurat nhar is-26 ta' Jannar tal-1923.

**Konkluzjoni**

B'hekk naraw kif l-iżvillupp tal-Bajja ta' Kalafrana mhux biss għen qatigħ l-isforz tal-Alleati fir-rebħa tal-Ewwel Gwerra Dinjija, iżda wkoll kien strumentali biex f'Birżebbuġa kompla jintensifika ruħu l-investiment militari mill-Forzi Ngliżi li għarfu l-potenzjal qawwi tal-inħawi. Dan l-investiment wassal biex Birżebbuġa tkompli tiżviluppa bħala raħal peress li issa kienet saret il-post tax-xogħol ta' ħafna iktar nies u li għażlu li jmorru joqgħodu fil-viċin. Sfortunatament, iż-żmien għadda, u llum nistgħu ngħidu li minn Kalafrana ta' dari ma fadal xejn, peress li l-faċilitajiet kollha li nbnew mill-Ingliżi nqerdu fis-snin 80 minħabba l-iżvilupp tal-Port Ħieles. Biss, il-memorji sbieħ ta' ħafna nies li laħqu żminijiet oħra jibqgħu, għalkemm ħafna minnhom illum ħallewna wkoll. Għalkemm il-Bażi Navali ta' Kalafrana llum m'għadiex teżiżti, però żgur li isimha jibqa` ħaj fostna, tifkira tal-ġmiel naturali li dari kien iżejjen lil din il-bajja kif ukoll tal-irwol siewi li kellha f'waħda mill-ikbar gwerer fl-istorja u li fiha tat sehemha u kienet strumentali biex tinkiseb ir-rebħa aħħarija. J'Alla li din it-tifkira tibqa` tiġi mgħoddija minn ġenerazzjoni għall-oħra, sabiex dik il-bajja li darba bi ġmielha tat isimha lill-Bajja s-Sabiħa u għenet fit-tiswir tar-raħalna, ma tintesa qatt.

Paci u Saħħa lil Kulħadd

